KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

# SITT LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 69

**L-Erbgħa 13 ta' Settembru 2017**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre,* Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-7:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Daniel John Attard – Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Anthony Mifsud – Kunsillier
Helen Bugeja – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Antoine Vella – Viċi Sindku

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Daniel John Attard ppresjeda l-laqgħa.

## 69.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

69.1.1 Is-SE qrat ittra ta' apoloġija ta' AV.

## 69.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

69.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

69.2.2 Il-Kunsillier Mifsud propona li dawn jiġu approvati filwaqt li s-Sindku ssekonda. Kien hemm qbil b'mod unanimu fost il-Kunsilliera preżenti u l-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 69.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

69.3.1 Is-Sindku fakkar li l-Kunsill kien iddeċieda li fil-bidu tas-sena għandna nagħmlu konsultazzjoni mar-residenti biex Triq il-Kavallier Bonello tiġi fuq direzzjoni unika. Kien hemm qbil li għandha ssir poll fuq Facebook u tintbagħat ukoll ittra lir-residenti kollha. Kien hemm qbil li kellu jkun hemm mistoqsija waħda biss, jekk ir-residenti jaqbzlux li t-triq tiġi titla' 'l fuq minn Triq il-Kavallier Bonello u l-inzul isir minn Triq l-Istazzjon u minn Pjazza Palma lejn in-Nigret.

69.3.2 Is-Sindku informa li kien qed jagħmel pressjoni ma' TM minħabba l-bzonn ta' *exit junction* fil-*bypass*, hekk kif wieħed joħroġ minn Triq il-Palma.

69.3.3 Is-Sindku informa wkoll li qed jagħmel pressjoni magħhom biex isir ir-*resurfacing* ta' Triq Konti Salv Manduca u Triq il-Maqdes Ruman u ħabbar li għandu direzzjoni soda li se jiġu implimentati dalwaqt.

69.3.4 Is-Sindku informa li l-ħarġa ta' Għawdex għall-anzjani tal-lokalità se ssir nhar is-Sibt 7 ta' Ottubru.

69.3.5 Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir siġra tal-Milied kbira fil-pjazza tal-Imtarfa. Għaldaqstant talab lis-SE sabiex titlob kwotazzjoni għaliha.

## 69.4 Ġbir ta' affarijiet WEEE minn WEEE Malta fl-Imtarfa

69.4.1 Is-SE infurmat li hi u s-Sindku kienu ltaqgħu ma' rapprezentanti minn WEEE Malta u Green MT fejn dawn aċċettaw li jagħmlu prova għal nofs Settembru b'ġurnata fejn tinġabar il-WEEE biss. Kienu qablu wkoll fil-prinċipju li dan jibda jinġabar minn WEEE Malta u mhux mill-Kunsill u li l-ħlasijiet relattivi jibdew isiru direttament minn WEEE Malta. Hija infurmat ukoll li għall-WEEE se jibda jkun hemm ġurnata fil-ġimgħa ddedikata apposta għal dan it-tip ta' skart.

## 69.5 Ċirkulari 21/2017 – Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi

69.5.1 Ġie kkonfermat li skont il-korrispondenza li għaddiet bejn il-Kunsill kollu, il-post magħżul biex jitpoġġa fuq l-applikazzjoni għal din is-sena kellu jkun il-monument li jirraprezenta l-*coat of arms* tal-*Fire Station* ta' zmien l-Inglizi li jinsab fi Triq San David. Il-Kunsill qabel.

69.5.2 Is-SE infurmat li l-applikazzjoni kienet intbagħtet.

## 69.6 Deċizjoni dwar attwar ta' xogħlijiet diversi madwar il-lokalità għas-sena 2017

69.6.1 Is-SE infurmat li kienet saret laqgħa bejnha, is-Sindku u l-*accountant* tal-Kunsill biex jiġi vverifikat ezatt kemm setgħa jonfoq il-Kunsill fuq xogħlijiet infrastratturali. L-ammont li kellu l-Kunsill għad-dispozizzjoni tiegħu sal-aħħar tas-sena kien dak ta' €30,000 massimu (inkluz il-VAT).

69.6.2 Il-Kunsill iddiskuta l-lista li kienet ġiet issuġġerita u kien hemm qbil li x-xogħlijiet li jiġu approvati għal din is-sena jkunu kif ġej:

- Isir *culvert* fi Triq Sir Leslie Rundle
- Isir *culvert* fi Triq San David
- Isir *resurfacing* quddiem tal-lottu fi Triq San David
- Isir *culvert* u livellar tat-triq fi Triq in-Narċis
- Tiġi rranġata l-problema tal-ilma tas-saqaf tal-binja tal-Kunsill
- Jinbeda l-proġett ta' *bus bay* oħra u riorganizzar ta' parkeġġi (imqar f'fazijiet) fi Triq ir-Reġimenti Maltin

Hawnhekk is-Sindku semma' wkoll il-bzonn li jiġi rranġat iċ-ċint ta' wara Binja Qlejgħa, li għalkemm m'hemmx ċertezza li huwa responsabbiltà tal-Kunsill, kien qed jipproponi li jsir minħabba l-periklu li kien hemm fil-prezent. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu jagħmel tajjeb għal dan ix-xogħol bil-patt u l-kundizzjoni li l-amministraturi u r-residenti tal-Binja jiġu mgħarrfa li b'din id-deċizjoni l-Kunsill mhux qed jerfa' r-responsabbiltà tiegħu izda qiegħed isir biss biex nassiguraw l-interessi tal-ġenituri u t-tfal li jgħaddu mill-akwata minn u lejn l-Iskola Primarja.

Fuq suġġeriment tas-Sindku, kien hemm qbil unanimu wkoll li jekk ikunu frankati xi flus mill-proġetti t'hawn fuq, il-Kunsill għandu juza dawn il-flus biex jagħmel ir-rilokazzjoni tal-*bus stop* minn quddiem il-ħanut taz-zebgħa fi Triq l-Imtarfa, isir parkeġġ b'mod *fish-bone* minflok il-bankina u l-*bus bay* li hemm fil-prezent u ssir *bus shelter* ġdida fi Triq l-Imtarfa.

## 69.7 Ittra mir-Reġjun Tramuntana dwar tarmak fil-lokalità

69.7.1 Is-Sindku informa li ladarba TM kienet se tagħmel ir-*resurfacing* ta' Triq il-Maqdes Ruman, huwa kien qed jissuġġerixxi li minflok issir ir-*resurfacing* ta' Triq San David, il-parti ta' quddiem tal-lottu sal-massimu tal-allokazzjoni li kellna għal dan il-proġett jiġifieri €4316, li €2763 minnhom se jiġu mħallsa mir-Reġjun Tramuntana f'isem il-Gvern Ċentrali.

69.7.2 Għaldaqstant kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 69.8 Ħsara fuq vettura fi Triq l-Imtarfa u fi Triq Sir Philip Pullicino

69.8.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet zewġ talbiet: 1) mingħand resident fi Triq Sir Philip Pullicino għaliex allegatament għamillu ħsara fil-*bumper* wieħed mill-ħaddiema. Dan qed jitlob €171. M'hemmx provi imma għadda kopja tar-rapport tal-pulizija. Il-Kunsill qabel li ladarba l-ħaddiem kien qed jagħmel xogħol fit-triq u hemm possibbiltà kbira li huwa minnu, dan ir-resident m'għandux iħallas għal din l-allegat ħsara u għaldaqstant kien hemm qbil li jingħata din is-somma lura.

69.8.2 Residenta oħra kienet infurmat lill-Kunsill li kienet laqtet il-*bumper* tal-vettura tagħha mal-*bollards* li waħħal il-Kunsill fi Triq l-Imtarfa għalkemm kien ċar li din ir-residenta ma kinitx ipparkjata f'parking bay meta allegatament sar dan l-inċident. Is-SE infurmat li f'dan il-kaz ukoll m'hemmx provi ħlief id-daqqa mal-*bollards* imma din ir-residenta kienet għaddiet ukoll kopja tar-rapport tal-pulizija u ritratti. Is-SE kienet ġabet stima mingħand tillar u dan kien qal li x-xogħol għandu jiswa madwar €180. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li għandu jagħtiha €180.

## 69.9 Laqgħa tal-lokalità – Diċembru 2017

69.9.1 Is-SE infurmat li kien wasal iz-zmien biex tiġi deċiza d-data għal-laqgħa tal-lokalità għas-sena ta' ħidma 2017. Kien hemm qbil li din il-laqgħa għandha ssir nhar il-Ħamis 14 ta Diċembru fis-6:00pm u immedjatament wara li tispiċċa tinzamm il-laqgħa tal-Kunsill għax-xahar ta' Diċembru.

69.9.2 Is-SE kienet se tieħu ħsieb tipprepara r-Rapport Amministrattiv u *power-point presentation* sabiex tintwera waqt il-laqgħa.

## 69.10 Aġġudikazzjoni tal-kuntratt tal-Periti (MTFLC/Q/02/2017)

69.10.1 Is-SE infurmat li kien hemm zewġ offerenti. Fuq suġġeriment tagħha kien hemm qbil li il-laqgħa tiġi sospiza għal ftit minuti sabiex tiġi evalwata din l-offerta. Il-ħin kien it-8:15pm.

69.10.2 Il-laqgħa tkompliet fit-8:25pm. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi magħżula l-offerta ta' Perit William Lewis u Perit Daniel Micallef ghaliex huma l-irħas u huma *complaint*. Il-Kunsillier Anton Mifsud astjena mid-deċizjoni minħabba l-fatt li l-kwistjoni tal-belvedere tal-bosk kienet għadha pendenti.

## 69.11 Xogħlijiet rigwardanti l-bosk

69.11.1 Is-Sindku informa li kien tkellem mal-Perit Robert Musumeci, li huwa wkoll avukat, biex isir rapport tekniku u legali dwar il-ħsarat fil-belvedere tal-bosk, biex hekk kif ikun hemm rizultat ċar, il-Kunsill ikun jista' jmexxi bit-tindif taz-zona.

69.11.2 Is-SE infurmat ukoll li min-naħa tal-*insurance* kienu infurmawha li ma setgħux iħallsu għall-ħsara u lanqas setgħu jissuġġerixxu *surveyor* imma talbu lill-Kunsill isib perit biex jagħmel rapport kwalifikat. Kien għaldaqstant li kien qed jiġi ssuġġerit li jsir dan ir-rapport min-naħa tal-Perit Musumeci. Il-Kunsill qabel mal-għazla tal-Perit kif ukoll mar-rapport li għandu jagħmel qabel ma jingħata bidu għax-xogħlijiet ta' tindif taz-zona. Is-SE wegħdet lill-Kunsill li

69.11.3 kienet se tgħaddi kopja lill-Kunsill permezz tal-email filwaqt li tipprezenta r-rapport ukoll waqt il-laqgħa li jkun imiss tal-Kunsill.

69.11.4 Hawnhekk skuzat ruħha l-Kunsilliera Bugeja. Il-ħin kien it-8:35pm.

69.11.5 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li għalkemm il-Kunsill kien għadu kemm approva x-xogħlijiet għall-massimu ta' €30,000, kien importanti li jzomm f'moħħu li hemm possibbiltà li mit-€18,000 allokati għax-xogħlijiet ta' Triq ir-Reġimenti Maltin, il-Kunsill ikollu bzonn jieħu xi fondi minnhom għax-xogħlijiet tal-bosk. Hawnhekk il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tas-SE.

## 69.12 Ittra mingħand l-Imtarfa Drama rigward l-eks binja tal-karnival

69.12.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet ittra mingħand l-Imtarfa Drama Group fejn talbu s-sapport tal-Kunsill biex din il-binja magħrufa bħala 'tal-Karnival' tgħaddi għandhom mingħand il-Gvern Ċentrali.

69.12.2 Wara diskussjoni kien hemm qbil li d-dmir tal-Kunsill huwa għall-komunità kollha u għaldaqstant ma jħossx li jista' jippreġudika l-pozizzjoni tiegħu billi jappoġġa kawza partikolari. Fl-istess waqt, il-Kunsill xtaq iwassal il-messaġġ li huwa miftuħ għal kulħadd u li dejjem huwa lesti biex jgħin lill-entitajiet tiegħu.

## 69.13 Mdina Grand Prix 2017

69.13.1 Is-Sindku informa li kien attenda għall-konferenza stampa fejn dawn kienu għaddewlu ċekk ta' €200 bħala *sponsorship*.

69.13.2 Il-proposta għal din is-sena kienet li t-traffiku jkun fuq direzzjoni unika bħalma sar dawn l-aħħar sentejn, jiġifieri li t-traffiku jitla' lejn l-Imtarfa minn Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello.

69.13.3 Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jitlob garanzija ta' €1000 li tiġi rifuza lill-Malta Classics hekk kif l-attività tkun għaddiet mingħajr ebda intoppi u inkonvenjenza mhux mistennija.

## 69.14 Kommunikazzjoni min-naħa tal-President tar-Reġjun Tramuntana, rapprezentant tal-Kunsill

69.14.1 Il-Kunsillier Mifsud informa li kienet se tinzamm laqgħa mas-Segretarju Parliamentarju l-ġdid dwar il-problema tal-iskart.

69.14.2 Il-Kunsillier Mifsud informa li fl-istess laqgħa kienet ġiet diskussa l-possibbiltà li d-dawl fit-toroq arterjali, kemm fuq *arms* kif ukoll fuq l-arbli, jgħaddu għall-attenzjoni tal-Kunsilli Lokali.

69.14.3 Il-Kunsillier Mifsud informa li s-SE tar-Reġjun Tramuntana kellu jibgħat ittra lill-Kunsill biex jiġu isiru nominazzjonijiet biex jiġi ffurmat sottokumitat għal ESC Plan.

69.14.4 Għall-mistoqsija tas-SE dwar il-kuntratt tal-*istreet lighting*, il-Kunsillier Mifsud informa li dan il-punt kien se jiġi diskuss fil-laqgħa tar-reġjun li jmiss.

## 69.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

69.15.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Kunsillier Fenech propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Mifsud issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

69.15.2 Hawnhekk is-SE ressqet kwotazzjoni għal bozza ġdida quddiem l-entratura tal-bosk. Il-prezz huwa ta' €744. Il-Kunsill qabel li din għandha tiġi ordnata.

## 69.16 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

69.16.1 Il-laqgħa intemmet fid-9:00pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 16 ta' Ottubru 2017 fis-7:30pm.

Konfermati, illum 16 ta' Ottubru 2017.

**IFFIRMATA**
Daniel John Attard
Sindku

**IFFIRMATA**
Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv